MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2014

Citazzjoni Numru. 276/2013

**Angela Lombardi**

**vs**

**Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-attriċi Angela Lombardi fil-21 ta' Marzu 2013 li permezz tiegħu ġie premess:

Illi l-esponenti u Edward Mallia żżewġu nhar it-tletin (30) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tnax (2012) ġewwa St Patrick's Church, Tas-Sliema kif jidher mill-estratt veru mill-Att taż-Żwieġ tagħhom miżmum fl-Uffiċju tar-Reġistru Pubbliku li jġib in-numru elf tmien mija disgħa u sittin tas-sena elfejn u tnax (1869/2012) hawn anness u mmarkat bħala Doli AL1;

Illi l-esponenti ilha tagħmel użu mill-kunjom Mallia Lombardi mit-tletin (30) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tnax (2012) eżattament mid-data tat-tieġ tagħha, u kemm il-familjari tagħha, ħbiebha kif ukoll il-kollegi tax-xogħol jafuha u jirreferu għaliha bħala Angela Mallia Lombardi;

Illi l-esponenti ferm qabel iż-żwieġ kienet iddeċidiet illi tieħu kunjom ir-raġel Mallia u żżid kunjom xbubitha Lombardi;

Illi qabel il-pubblikazzjoni tat-tnidijiet, madwar tlet (3) xhur qabel id-data tat-tieġ, l-esponenti mliet l-applikazzjoni għall-finijiet tal-Artikolu 7 (4) tal-Att dwar iż-Żwieġ, Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta u ddeċidiet li tieħu kunjom żewġha, iżda għaxart (10) ijiem qabel id-data tat-tieġ hekk kif hija marret sabiex tiġbor iċ-ċertifikat taż-żwieġ mir-Reġistru taż-Żwieġ fi ħdan id-Dipartiment tar-Reġistru Pubbliku hija bidlet l-għażla tagħha u ddeċidiet li żżomm kunjom xbubitha;

Illi *tenendo* kont illi l-intenzjoni tal-esponenti minn dejjem kienet illi tieħu kunjom żewġha wara ż-żwieġ, hija erronjament ħasbet illi kemm-il darba hija tagħżel li tieħu kunjom ir-raġel jew iżomm kunjom xbubitha, hija kella kull opportunita' illi żżid kunjom xbubitha wara kunjom żewġha u ma rrealiżżatx illi hekk kif ftit jiem qabel it-tieġ hija bidlet l-għażla tagħha u għażlet li żżomm kunjom xbubitha, hija ntrabtet illi tuża kunjom xbubitha qabel kunjom ir-raġel wara ż-żwieġ;

Illi l-applikazzjoni a tenur tal-artikolu 7 (4) tal-Att dwar iż-Żwieġ, Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta’ Malta tagħti tliet (3) għażliet lil mara u ċjoe’: *‘nieħu l-kunjom tar-raġel’, jew ‘inżomm kunjom xbubiti wara ż-żwieġ’* jew *‘nieħu l-kunjom tar-raġel li miet qabli’;*

Illi l-applikazzjoni bl-ebda mod ma tispjega l-konsegwenza tal-għażla tal-mara, u ċjoe’ jekk tagħżel li tieħu kunjom ir-raġel wara ż-żwieġ, kunjom xbubitha jista’ jiżdied biss wara kunjom żewġha u jekk tagħżel li żżomm kunjom xbubitha wara ż-żwieġ, kunjom żewġha jista’ jiżdied biss wara kunjom xbubitha;

Illi jiġi rilevat illi n-nuqqas ta’ kjarezza fl-applikazzjoni tirrifletti d-deċiżjoni żbaljata tal-esponenti illi mad-dikjarazzjoni tagħha li żżomm kunjom xbubitha skont l-artikolu 4(2) tal-Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta’ Malta hija kienet tilfet l-opportunita’ li żżid kunjom xbubitha wara li tieħu kunjom żewġha kif kienet l-intenzjoni tagħha u ngħatat il-fakolta’ biss li żżid kunjom żewġha wara kunjom xbubitha biss;

Illi l-esponenti rrealiżżat bil-konsegwenza tad-deċiżjoni tagħha illi żżomm kunjom xbubitha fid-dsatax (19) ta’ Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) meta hija marret ir-Reġistru Pubbliku fis-Sezzjoni tal-Karta tal-Identita’ sabiex iġġib il-kunjom Mallia Lombardi fuq il-Karta tal-Identita’ tagħha. Hija nħasdet kif ġiet infurmata illi peress illi kienet għażlet illi żżomm kunjom xbubitha hija setghet iżżid kunjom żewġha biss wara kunjomha. Kopja tal-karta tal-identita’ ġdida tal-esponenti qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok ‘AL2’;

Illi kif ser jirriżulta waqt is-smiegħ u t-trattazzjoni ta’ din il-kawża, m’hemmx dubju illi l-esponenti ma kenitx ser tiddikjara illi ser iżżomm kunjom xbubitha kieku kienet konsapevoli tal-konsegwenzi ta’ din l-għażla. Id-dikjarazzjoni fl-applikazzjoni *de quo* saret erronjament mill-esponenti u x-xewqa tagħha minn dejjem kienet illi hija tieħu kunjom żewġha u żżid kunjom xbubitha;

Illi l-esponenti għandha tibda l-ħajja miżżewġa u konvinta illi hija ser jibqa' jiddispjaċiha matul ħajjitha kollha sforz ta' din id-deċiżjoni żbaljata *stante* illi hija qatt ma jista' jkollha l-istess kunjom bħal żewġha u wisq anqas kunjom uliedha jekk fil-futur hi u żewġha jiddeċiedu li jkabbru l-familja tagħhom;

Illi l-esponenti tiddikjara li taf b'dawn il-fatti personalment;

Għaldaqstant, l-esponenti qiegħda *ai termini* tal-artikolu 253(1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex iwettaq il-korrezzjoni fl-Att taż-Żwieġ irreġistrat fl-Uffiċju tar-Reġistru Pubbliku li jġib in-numru elf tmien mija disgħa u sittin tas-sena elfejn u tnax (1869/2012), fis-sens illi jiġi mħassar is-segwenti *"Il-mara għażlet li żżomm kunjom xbubitha maż-żwieġ";*

2. Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex din il-korrezzjoni, ordnata minn din l-Onorabbli Qorti, tiġi riflessa wkoll f'kull Att tal-istat ċivili tagħha, b'dan illi l-esponenti għandha tiġi ndikata bil-kunjom ta' *'Mallia Lombardi'*.

Dan taħt dawk il-provvediment kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni li timponi fiċ-ċirkostanzi.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, prezentata fid-19 t'April 2013, fejn ġie eċċepit:

1. Illi l-għażla tal-kunjom li mara ħa tuża wara ż-żwieġ joħrog mill-Kodiċi Ċivili b'mod speċifiku l-artikolu 4(1) u (2);

2. Illi l-artikolu 4(1) jgħid hekk: *'Il-miżżewġin għandhom maż-żwieġ jieħdu l-kunjom tar-raġel u martu tista' żżid kunjom xbubitha jew kunjom żewġha li jkun miet qabilha miegħu', waqt li l-artikolu 4(2) jaqra hekk: 'Il-mara tista', minflok, taghżel li żżomm kunjom xbubitha jew kunjom żewġha li jkun miet qabilha li warajh tista' żżid kunjom żewġha';*

3. Illi meta r-rikorrenti marret ir-Reġistru taż-Żwieġ biex tagħmel it-tnidijiet kienet għażlet li tieħu kunjom żewġha, iżda mbagħad bidlet il-fehma tagħha u għamlet dikjarazzjoni li ser iżżomm kunjomha xebba, kif muri fiċ-Ċertifikat taż-Żwieġ bin-numru ta' reġistrazzjoni 1869/2012 (hawn anness u mmarkat bħala Dok AL1), illi ħa żżomm kunjom xbubitha wara ż-żwieġ;

4. Illi għalhekk kif jispjega l-artikolu 4(2) tal-Kodiċi Ċivili, ġaladarba r-rikorrenti għażlet li żżomm kunjom xbubitha, jekk hija xtaqet li żżid wkoll kunjom żewġha hija kellha l-fakulta' li tagħmel dan, b'dan iżda li kunjom żewġha jiżdied wara tagħha biex b'hekk jiġi jaqra Lombardi Mallia;

5. Illi meta koppja tmur ir-Reġistru Pubbliku biex tagħmel it-tnidijiet ir-reġistratur jispjega lil mara li ser tkun ħa tiżżewweġ l-għażliet li hemm, u ċjoe' li tista' tieħu kunjom żewġha, li żżomm kunjomha jew tagħżel li żżomm kunjom żewġha li jkun miet qabilha. Ir-reġistratur jinforma wkoll lil mara bid-dritt tal-użu, u ċjoe' li tista' tuża kunjom ieħor ma' dak li jiġi magħżul fis-sens illi l-attriċi ġiet magħrrfa illi jekk ħa tagħżel kunjom żewġha hi setgħet iżżid kunjomha wara dak ta' żewġha, u jekk tagħżel kunjomha tista' żżid kunjom żewġha wara, u dan għal skopijiet tal-karta tal-identita' u l-passaport;

6. Illi barra minn hekk, ir-reġistratur jispjega lil kull koppja l-effetti ta' dawn l-artikolu u jispjegaw ukoll li d-dikjarazzjoni li mara tagħmel rigward il-kunjom hija rrevokabbli skont l-artikolu 4(4) tal-Kodiċi Ċivili, u ċjoe *"Jekk il-mara jkollha l-ħsieb li żżomm kunjom xbubitha wara ż-żwieġ hija għandha, qabel iż-żwieġ, hekk tiddikjara l-ħsieb tagħha qabel il-pubblikazzjoni tat-tnidijiet skont l-Att dwar iż-Żwieġ u għandha*

*tissottoskrivi d-dikjarazzjoni relattiva fl-att taż-żwieġ. Dik id-dikjarazzjoni tkun irrevokabbli".*

7. Illi ġjaladarba r-rikorrenti ddeċidiet u għamlet dikjarazzjoni li ħa żżomm kunjomha, hija ntrabtet li kunjomha se jkun dak ta' xbubitha u għalhekk l-esponent ma jistax jagħmel korrezzjonijiet għal dikjarazzjonijiet li għamlet l-attriċi stess, u liema dikjarazzjoni hija rrevokabbli skont il-liġi;

8. Illi finalment mingħajr ħsara għall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti.

9. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq esposti l-esponent qed joġġezzjona għat-talbiet kif dedotti fir-rikors ġuramentat tar-rikorrenti u jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħadhom, bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi nġunta in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat l-atti proċesswali kompriżi l-affidavits.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Mejju 2014 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza wara li saret id-debita trattazzjoni bejn id-difensuri rispettivi

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawża hija msejsa fuq l-artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdu rimedju għal persuna li tirriskontra żball fl-att tat-twelid tagħha, kif ukoll biex persuna titlob reġistrazzjoni ta' isem li bih tkun magħrufa għall-familja tagħha. Il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern saret debitament kif jirriżulta a fol 9 tal-proċess.

Illi f'din il-kawża l-attriċi qed tagħmel it-talba tagħhu għal raġuni differenti mill-kawżi soliti f'dan ir-rigward; hija qed tgħid li ġiet żgwidata mill-formola li kellha timla' qabel iżżewġet, fis-sens illi meta ddikjarat li trid tibqa' tagħmel użu minn kunjomha ta' xebba (Lombardi) ħasbet li setgħet tagħmel dan in aġġunta ma' kunjom żewġha u mhux b'mod esklussiv.

Infatti fl-affidavit tagħha hija xehdet b'dan il-mod:

*"Nikkonferma illi nhar it-tletin (30) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tnax (2012) jien u r-raġel tiegħi Edward Mallia żżewwiġna ġewwa St. atrick's Church, Tas-Sliema.*

*Kemm jien kif ukoll żewġi fl-għerusija konna ftehemna illi jien kont ser nieħu kunjom żewġi iżda kont ser nuża wkoll kunjomi, u ċjoe' l-intenzjoni tiegħi kienet illi wara ż-żwieġ jien kont ser inkun magħrufa bħala Angela Mallia Lombardi.*

*Jien fix-xogħol professjonali tiegħi kulħadd kien jirreferi għalija bħala Angela Lombardi. Di fatti waqt l-għerusija tiegħi ma' Edward Mallia jien ftaħt il-kumpanija tiegħi li jisimha Lombardi Consulting Limited liema kumpanija hija rreġistrata hawn Malta.*

*Il-fatt illi l-kumpanija tiegħi ġġorr kunjom xbubiti juri biċ-ċar illi kieku jien kelli nirrinunzja għal kunjom xbubiti fiż-żwieġ allura l-kumpanija illi tant ħdimt sabiex tkun ta' suċċess kienet ser titlef l-identita' tagħha.*

*Peress illi l-klijenti tiegħi jafu lili personalment bħala Angela Lombardi u x-xogħol tiegħi jitkattar bil-kelma tal-fomm, kieku jien kelli nassumi kunjom żewġi biss, din id-deċiżjoni kien ser ikollha żgur impatt negattiv fuq il-kumpanija tiegħi. Dan qiegħed jintqal peress illi dak illi jien kont diġa' bnejt fil-professjoni tiegħi illi huwa assoċjat ma' kunjomi kien ser jintilef għal kollox. Hekk kif klijent barrani li kien ikun sodisfatt bis-servizzi tiegħi u ried jingaġġani għal servizz ulterjuri jew altrimenti jgħaddi kelma tajba fuqi u b'hekk nattira aktar klijenti, hekk kif jipprova jirriċerka u jara min jien ma kienx ser isib scientific papers tiegħi peress illi l-identita' tiegħi fil-qasam professjonali tkun sfat fix-xejn b'kunjom assolutament differenti.*

*Di fatti jien iddikjarajt il-ħsieb tiegħi qabel il-publikazzjoni tat-tnidijiet madwar tlett (3) xhur qabel id-data tat-tieġ li nieħu kunjom żewġi u nżid kunjom xbubiti.*

*Meta jien dħalt ġewwa r-Reġistru taż-żwieġ, l-uffiċjal inkarigat staqsietni x'kunjom xtaqt nuża wara ż-żwieġ u peress illi jien kont ilni li ħadt din id-deċiżjoni li nuża kunjom Mallia Lombardi, hi lestitli l-karti u fuq il-formola hi ndikat illi jien kont ser nieħu kunjom żewġi Mallia u b'hekk kont ser inkun magħrufa bħala Angela Mallia. Jien sħaqt illi fuq il-formola xtaqt illi kunjomi wara ż-żwieġ ikun Mallia Lombardi u mhux Mallia biss u l-Uffiċjal inkarigata qaltli, għar-Reġistru taż-Żwieġ jien stajt wara ż-żwieġ jew nieħu kunjom tar-raġel jew inżomm kunjom xbubiti wara ż-żwieġ.*

*Jien erġajt enfasiżżajt ix-xewqa tiegħi illi fir-Reġistru taż-Żwieġ jien inkun imniżżla bħala Angela Mallia Lombardi iżda hi qaltli illi biex nuri l-intenzjoni tiegħi illi xtaqt niġi magħrufa bħala Angela Mallia Lombardi kienet ir-responsabbilta' tad-Dipartiment tal-Karta tal-Identita' u li għandi nirranġa ma' dan id-Dipartiment hekk kif immur biex inbiddel il-karta tal-identita' tiegħi.*

*Hekk kif jien iddomandajt l-istess uffiċjali x'kien l-użu tal-kunjom kif irreġistrat fir-Reġistru taż-Żwieġ hija qaltli li Angela Mallia kien ser jintuża limitatament għall-bżonnijiet tal-Qrati u fuq ċ-ċertifikat tal-mewt.*

*Jien bqajt naħseb fuq dak illi kont ġejt mgħarrfa minnu mill-Uffiċjal tar-Reġistru taż-Żwieġ u madwar għaxart (10) ijiem qabel id-data tat-tieġ tagħna, fost id-diversi preparamenti mort niġbor iċ-ċertifikat taż-żwieġ mir-Reġistru taż-Żwieġ u staqsejt l-uffiċjal inkarigat jekk nistax inżomm kunjom xbubiti fir-Reġistru taż-Żwieġ.  L-uffiċjal inkarigat ikkonfermat illi sakemm dan isir qabel iż-żwieġ allura stajt niġi rreġistrata fir-Reġistru taż-Żwieġ bħala Angela Lombardi u reġgħat ikkonfermat illi l-kunjom Lombardi ma jidher imkien għax biex inkun magħrufa b'żewġ kunjomijiet kienet ir-responsabbilta' esklussiva tad-Dipartiment tal-Karta tal-Identita'.*

*Biex inkun ċerta mid-deċiżjoni illi kont ser nieħu, jiena erġajt staqsejt lill-uffiċjal inkarigat jekk uliedi jistgħux xorta jkunu Mallia Lombardi u hi reġgħet ikkonfermat illi dan jibqa' possibbli u erġajt staqsejtha jekk jien stajtx inkun Mallia Lombardi u hi qaltli dak il-kunjom illi jogħġbok iżżid huwa r-responsabbilta' tad-Dipartiment tal-Karta tal-Identita'.*

*Iżda fid-dsatax (19) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) hekk kif mort fir-Reġistru Pubbliku fis-sezzjonijiet tal-Karta tal-Identita'  sabiex insir magħrufa fuq dan id-dokument uffiċjali bħala Angela Mallia Lombardi jien inħsadt hekk kif ġejt infurmata li peress li kont għażilt illi nżomm kunjom xbubiti Lombardi stajt inżid kunjom żewġi Mallia biss wara kunjomi.  L-uffiċjal tad-Dipartiment tal-Karta tal-Identita' għarrafni illi skont is-sistema jien stajt jew nibqa' Angela Lombardi jew inżid Mallia wara kunjomi.  Huwa ċempel lir-Reġistru taż-Żwieġ u qabbadni mal-istess uffiċjal illi kienet segwit u ħadet ħsieb l-applikazzjoni tat-tnidijiet taż-żwieġ tagħna.  Hi qaltli li jien kont fhimt ħażin u ma kellix għażla oħra għajr illi nġorr il-kunjom Lombardi Mallia.*

*Jien nixtieq nenfasiżża illi l-intenzjoni tiegħi minn dejjem kienet li nġib kunjomi Lombardi wara kunjom żewġi Mallia u mhux vice versa."*

Illi huwa minnu li kif eċċepixxa l-konvenut, deċizjoni meħuda fir-rigward tal-kunjom li tkun trid tadotta l-mara wara ż-żwieġ hija rrevokabbli, kif iddeċidiet din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **"Diane Abela Penza vs Direttur tar-Registru Pubbliku"** (deċiża fil-25 ta' Ġunju 2012). Fil-kaz odjern huwa wkoll evidenti li l-konfużjoni żiditha l-istess attrici meta bidlet fehemtha ftit ġranet qabel iż-żwieġ, u allura ma fehmitx sew dak li kienet iddikjarat. Il-Qorti konvinta li dan huwa dovut lill-attriċi u mhux lill-ebda mpjegat tal-intimat. Madankollu l-attriċi għandha punt tgħid li l-formola filwaqt li tindika tlett possibbiltajiet għall-applikanti, mhijiex ċara jekk il-mara tkunx trid tuża kunjomha wara dak ta' żewġha, jew sempliċement iżżomm kunjomha, u allura jista' jkun li ħadet żball ġenwin; dejjem minħabba l-mod kif ġraw l-affarijiet fil-każ tagħha. Allura l-Qorti se taċċedi għat-talba tagħha.

Illi l-Qorti pero', kif ingħad hija konvinta li l-iżball ħaditu l-attriċi u allura taqbel li l-konvenut ma għandux ibati spejjeż. Il-Qorti ma tistax tilqa' t-tieni talba għaliex kif qalet spiss f'dawn it-tip ta' kawżi, hija tista' biss tordna t-tibdil ta' dawk l-atti li jiġu ndikati fir-rikors promotorju.

**DEĊIŻJONI**

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' t-talbiet attriċi riferibbilment għall-att taż-żwieġ tagħha, b'dan li tilqa' biss l-ewwel talba, iżda fir-rigward ta' kull att ċivili ieħor tillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju.**

**L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-attriċi.**

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------